MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2012

Numru. 237/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Portelli)**
**(Spettur Martin Sammut)**

**vs**

**LUDVIC MUSCAT**
**GIUSEPPI CHRISTOPHER FARRUGIA**
**DAVID FARRUGIA**
**JOHANN SCERRI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Ludvic Muscat ta' 27 sena, iben Emanuel u Jane nee' Vella, imwieled Attard nhar il-24 ta' Jannar 1978 u li joqghod JVC, Triq Burmarrad, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 200078(M).

U

Giuseppi Christopher Farrugia ta' 32 sena, iben James u Helena nee' Dwiear, imwieled Ingilterra nhar is-17 ta' Ottubru 1972 u li joqghod no. 6, 'Sunny Lodge', Triq il-Maqdes Megalitiku, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 96095(M).

U

David Farrugia ta' 40 sena, iben Jack u Lena nee' Dwier, imwieled UK nhar il-07 ta' Dicembru 1964 u li joqghod no. 94, Triq Vincenzo Ciappara, Mellieha detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 364303(L).
U

Johann Scerri ta' 26 sena, iben Ronnie u Barbra nee' Micallef, imwieled Attard nhar il-14 ta' Gunju 1978 u li joqghod 'Heston Flats', flat 5, Triq l-Imhar, Qawra detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 369878(M).

Gew akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer fil-lejl ta' bejn 10 u 11 ta' Frar 2005 ghal habta tat-tlieta ta' filghodu (0300 hrs) barra l-istabiliment *Steam Bar* sitwat fi Triq San Gorg, San Giljan u kif ukoll gewwa t-Triq San Gorg, San Giljan u/jew vicinanzi:-

1. Minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunaw feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Anthony Demicoli u dan bi ksur ta' Artikolu 214, 218 u 237 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Volontarjament kissru l-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied u dan bi ksur ta' Artikolu 338(dd) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor u cioe' bieb ta' barra, liema hsara ma tiskorriex hames mitt lira (Lm 500), imma izjed min hamsin lira (Lm 50) ghad-dannu ta' Raymond Grima u Carmel

Schembri u/jew persuni ohra u dan bi ksur ta' Artikolu 325(1)(b) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U l-ko-imputat Ludvic Muscat wahdu akkuzat aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi minghajr ma darab jew sawwat, waddab hwejjeg iebsin u cioe' tazza kontra n-nies u dan bi ksur ta' Artikolu 339(1)(b) ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali li jinsab a fol. 102 tal-Process u nnutat li l-imputati kollha m’ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur is-Supretendent Martin Sammut ghall-Prosekuzzjoni ddikjara li nkwantu l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputati kollha, liema akkuza tinkwadra ruhha fl-artikoli 214, 218 u 237 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, mill-provi jirrizulta li din l-akkuza ghandha tkun limitata biss ghall-artikolu 237 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan fil-konfront tal-imputati kollha u konsegwentement talab li l-Qorti tillibera lill-imputati kollha inkwantu ghal din l-ewwel akkuza fejn jirrigwarda l-artikoli 214 u 218 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Innutat ukoll li fis-Seduta tallum l-imputati iddikjaraw li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom b’dana li rigward l-ewwel akkuza migjuba kontra taghhom huma qeghdin jammettu tali akkuza fejn tinkwadra ruhha biss fl-artikolu 237 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra

taghhom b'dana li rigward l-ewwel akkuza migjuba kontra taghhom huma qeghdin jammettu tali akkuza fejn tinkwadra ruhha biss fl-artikolu 237 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tat-23 ta' Novembru, 2012 Dr Joseph Giglio ghall-parte civile Anthony Demicoli iddikjara ghal kull buon fini illi l-parte civile qieghed jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputati kollha kull fejn hu rinunzjabbli u iddikjara li kwalsiasi pendenzi li talvolta kien hemm pendenti bejnu u bejn l-imputati illum gew pjenament risolti.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront tal-imputati Giuseppi Christopher Farrugia, David Farrugia u Johann Scerri l-artikoli 237, 338(dd) u 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputati Giuseppi Christopher Farrugia, David Farrugia u Johann Scerri, fuq ammissjoni hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom b'dana rigward l-ewwel akkuza migjuba kontra taghhom huma qeghdin jigu misjuba hatja ta' tali akkuza fejn tinkwadra ruhha biss fl-artikolu 237 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, tillibera lill-istess imputati Giuseppi Christopher Farrugia, David Farrugia u Johann Scerri taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum kull wiehed u inoltre tikkundanna lill-imsemmija imputati Giuseppi Christopher Farrugia, David Farrugia u Johann Scerri ghall-piena ta' tmienja u hamsin Ewro (Ewro 58) ammenda kull wiehed.

Rat fil-konfront tal-imputat Ludvic Muscat l-artikoli 237, 338(dd), 325(1)(b) u 339(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Ludvic Muscat, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu b'dana rigward l-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu huwa qieghed jigi misjub hati ta' tali akkuza fejn tinkwadra ruhha biss fl-

artikolu 237 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, tillibera lill-istess imputat Ludvic Muscat taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum u inoltre tikkundanna lill-imsemmi imputat Ludvic Muscat ghall-piena ta' mija u sittax il-Ewro (Ewro 116) ammenda.

Rigward l-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tal-imputati kollha fejn jirrigwarda l-artikoli 214 u 218 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta stante li mill-provi jirrizulta li din l-akkuza ghandha tkun limitata biss ghall-artikolu 237 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tillibera lill-imputati kollha inkwantu ghal din l-ewwel akkuza fejn jirrigwarda l-artikoli 214 u 218 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna lill-imputati kollha sabiex a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fi zmien tlett (3) xhur millum ihallsu fi kwoti ndaqs bejniethom is-somma ta' sitt mija u sitta u tmenin Ewro u sitta u tletin centezmi ta' Ewro (Ewro 686.36) rappresentanti spejjes inkorsi bin-nomina ta' esperti.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputati Ludvic Muscat, Giuseppi Christopher Farrugia, David Farrugia u Johann Scerri l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------